StudentBounty.com

EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2011

IR-RABA' SENA MALTI KITBA ĦIN: SIEGĦA U KWART

Isem: ______________________________ Klassi: ______________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u kunjomok kif ukoll il-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb. Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



Malti 2011



www.StudentBounty.com

## A. TAĦRIĠ IL-FEHEM

**Aqra din l-istorja u wara wieġeb b'sentenzi sħaħ**.



**DINDA X-XADINA**

Dinda hija x-xadina tal-familja Cassar. Dinda hija xadina intelliġenti u moħħha jilħqilha. Il-ħinijiet tal-ikel tafhom fuq ponot subgħajha. Tgħidx kemm twerżaq u teqred meta tkun trid xi biċċa banana, xi karawetta jew xi koxxa tat-tiġieġa. (par. 1)

Dinda tiġġennen meta tara l-membri tal-familja Cassar jieklu. Mark, it-tifel il-kbir joqgħod jinkiha billi juriha l-ikel. Dinda jaqbadha ferħ ta' ġenn meta tara l-ikel u tibda taqbeż u togħla. (par 2)

Dinda ilha tliet snin għand il-familja Cassar. Kienet xtratha s-Sinjura Cassar mill-ħanut tal-annimali li jinsab quddiem il-knisja. Dinda kienet daqs tikka. Illum Dinda kibret mhux ħażin u hija ħoxna għax tħobb tiekol ħafna. (par 3).

Dinda għandha r-rokna favorita tagħha. Tħobb tmur ġol-kexxun il-kbir tal-gradenza li dejjem ikun miftuħ u li ħadd ma jużah. Dinda torqod u tilgħab bil-ġugarelli favoriti tagħha. (par. 4)

Mhux l-ewwel darba li Dinda tagħmel xi waħda tinkiteb. Darba telgħet fuq l-ixkaffa tal-kċina u waqqgħet borża dqiq. L-art tal-kċina ġiet bajda. Darb'oħra fetħet il-vit tal-ilma biex tixrob u ħallietu miftuħ. (par.5)

**Issa aqra, ifhem u wieġeb. Tagħmilx żbalji fil-kitba**.



www.StudentBounty.com

1. Ħożż sing taħt il-kelma t-tajba. **(2 marki)**

a. Dinda hija (kelba, xadina, qattusa) intelliġenti. (par. 1)

b. Dinda ilha (tliet, erba', ħames) snin għand il-familja Cassar. (par. 3)

2. **Immarka b'√ fil-kaxxa fejn it-tweġiba t-tajba:** **(4 marki)**

a. Dinda tiġġennen meta tara l-membri tal-familja Cassar (par 2)

| | |
|---|---|
| (i) jinħaslu | |
| (ii) jiġġieldu | |
| (iii) jieklu | |

b. Min kien xtara lil Dinda? (par 3)

| | |
|---|---|
| (i) Mark | |
| (ii) Is-Sinjura Cassar | |
| (iii) Il-missier | |

ċ. Dinda kienet tħobb tmur: (par 4)

| | |
|---|---|
| (i) fil-kexxun | |
| (ii) fil-gaġġa | |
| (iii) fil-kaxxa | |

d. Darba Dinda telgħet (par 5)

| | |
|---|---|
| (i) fuq il-bejt | |
| (ii) it-taraġ | |
| (iii) fuq l-ixkaffa | |



3. **Wieġeb il-mistoqsijiet f'sentenzi sħaħ:**



www.StudentBounty.com

a. Għaliex Dinda twerżaq u teqred? (par. 1) **(2 marki)**

b. Min jinki lil Dinda? (par 2) **(2 marki)**

ċ. Għaliex Dinda tibda taqbeż u togħla? (par 2) **(2 marki)**

d. X'tagħmel Dinda fil-kexxun il-kbir tal-gradenza? (par 4) **(2 marki)**

e. X'taħseb li ġara meta Dinda ħalliet il-vit tal-ilma miftuħ? **(2 marki)**

4. **Immarka b'√ jekk din is-sentenza hix VERU jew FALZ**. **(4 marki)**

| Sentenza | VERU | FALZ |
|---|---|---|
| a. Dinda hija xadina żaqqieqa. | | |
| b. Dinda hija xadina kwieta ħafna. | | |
| ċ. Dinda hija xadina rqiqa. | | |
| d. Dinda xi kultant tkun imqarba. | | |

5. Qabbel il-frażijiet mat-tifsira tagħhom. L-ewwel waħda hija lesta. **(4 marki)**



www.StudentBounty.com

| | | | |
|---|---|---|---|
| a | moħħha jilħqilha (par 1) | | tagħmel xi praspura |
| b | jaqbadha ferħ ta' ġenn (par 2) | | tafhom bl-amment |
| ċ | tafhom fuq ponot subgħajha (par 1) | | żgħira ħafna |
| d | daqs tikka (par 3) | a | makakka |
| e | tagħmel xi waħda tinkiteb (par 5) | | tiġġennen |

**B. Imla l-vojt bl-artiklu f'dawn is-sentenzi. Ara l-eżempju:** **(6 marki)**

**Eżempju: Dinda kienet tiekol il-banana.**



1. Din ____ xadina vera mqarba!
2. Dinda kienet tixrob _____ ilma.
3. Hi kienet tħobb ħafna ______ staġun tas-sajf.
4. _____ rokna favorita ta' Dinda kienet il-kexxun tal-gradenza.
5. Ix-xadina mliet ______ kamra tal-banju bl-ilma għax insiet il-vit miftuħ.
6. Dinda waqqgħet _____ dqiq fil-kċina.

**Ċ. Imla l-vojt u daħħal il-kliem ta' ġol-kaxxi f'dawn is-sentenzi bil-ġemgħat.** **(5 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ponn | borża | sorra | għanqud | turtiera |



Dinda x-xadina kellha l-ġuħ u għalhekk daħlet bil-moħbi fil-kċina. Bdiet ixxomm riħa tfuħ. Fil-kċina kien hemm ______________ pastizzi. Tefgħet ___________ melħ u kilithom kollha. Fetħet il-friġġ u rat ___________ għeneb u ħadet nofsu. Wara kellha aptit tilgħab u għalhekk telgħet fuq l-ixkaffa u bi żball waqqgħet _____________ dqiq. Wara bdiet tħoss il-bard u ntefgħet taħt ___________ ħwejjeġ.

**D. Qiegħed fil-plural il-kliem b'sing taħtu. Ara l-eżempju:** **(5 marki)**



www.StudentBounty.com

| Eżempju | Fl-għalqa hemm **iż-żiemel**.  | **Żwiemel**  |
|---|---|---|
| 1. | Fil-**foresta** jgħixu ħafna annimali. | |
| 2. | Fuq is-**siġra** kien hemm ħafna għasafar. | |
| 3. | Kien hemm il-**qattus** fuq il-bejt. | |
| 4. | Tal-ħanut kellu l-**pakkett** tal-ħelu għall-bejgħ. | |
| 5. | Dejjem nitlef il-**lapes**. | |

**E. Agħti l-maqlub tal-kliem b'sing taħtu. Ara l-eżempju: (5 marki)**

| **Eżempju** | Dinda għandha denbha **qasir**. | **twil** |
|---|---|---|
| 1. | Il-borża tad-dqiq kienet **mimlija.** | |
| 2. | Ix-xadina qed issir **irqiqa.** | |
| 3. | Ix-xadina nsiet il-vit **magħluq**. | |
| 4. | Ix-xadina torqod fil-kexxun ta' **fuq.** | |
| 5. | Mark jagħti lil Dinda xi kotba **ġodda.** | |

**F. Is-Sinjura Cassar tħobb tqabbad lil Dinda x-xadina tagħmel xi affarijiet fid-dar. Għin lis-Sinjura Cassar tgħid lil Dinda x'għandha tagħmel. Ara l-eżempju: (5 marki)**



Eżempju: (kines) Dinda, **iknes** il-bitħa!

1. (qabad) Dinda, ______________ il-ballun!
2. (fetaħ) Dinda, ______________ il-bieb!
3. (daħal) □□____________ fil-kexxun tal-gradenza!
4. (xorob) ____________ il-ħalib kollu!
5. (ġabar) Dinda, ______________ il-ġugarelli!

**G. Imla l-vojt bil-femminil. Agħmel bħall-eżempju: (5 marki)**

**Eżempju:** **Iż-żiemel** kien qed jiekol.
**Id-debba** kienet qed tiekol.





www.StudentBounty.com

1. **Missieri** jmur jaħdem.
_________ tmur taħdem.

2. **Ix-xadin** tela' jiġri t-taraġ.
_________ telgħet tiġri t-taraġ.

3. **It-tifel** jikteb pulit ħafna.
_________ tikteb pulit ħafna.

4. **Ħija** huwa akbar minni.
__________ hija akbar minni.

5. **Ir-re** jgħix f'kastell kbir.
__________ tgħix f'kastell kbir.



**Ġ. Imla l-vojt skont kif hemm miktub bil-parentesi:** **(10 marki)**

1. Wara li kielet, _____________________ (ikteb **nom proprju femminil**) telgħet fuq.
2. L-omm ____________________ **(ikteb il-kontra ta' fetħet)** għalqet il-bieb tal-bitħa.
3. Il-ġugarell li xtali z-ziju huwa _____________ (ikteb **il-kontra** ta' qadim).
4. Il- _________________ (ikteb **kelma oħra flok wieħed li jaħdem l-għamara)** ħadem gwardarobba kbira.
5. Fil-kamra tas-sodda tiegħi għandi żewġ komodini ______________ (ikteb **il-kontra ta' kbar**).
6. Fuq l-ixkaffa nżomm il- ____________ (ikteb **il-plural ta' ktieb**).
7. Kellna l-għatx u ______________ (ikteb **verb fil-passat minn xorob**) flixkun ilma frisk.
8. Aħna nżommu l-klassi pulita u _______________ (ikteb **il-kontra ta' maħmuġa**).
9. Il-ġenituri tagħna jkunu _______________ (ikteb **il-kontra ta' mdejqin**) meta aħna nobdu.
10. Fil-Milied żejjinna l-______________ (ikteb **il-plural ta' klassi**)



www.StudentBounty.com

**GĦ. Komponiment** **(20 marka)**

**Ikteb paragrafu ta' mhux inqas minn GĦAXAR SENTENZI dwar wieħed minn dawn. Il-kliem mogħti jista' jgħinek.**



1. **Rigal sabiħ li qlajt**.

(Għid min tak ir-rigal, meta qlajt ir-rigal, x'kien ir-rigal, kif ħassejtek meta qlajt ir-rigal, x'għamilt bih?)



2. **Mixja fil-kampanja**.

(Meta mort mixja? Ma' min? Kif kien it-temp? Fejn mort timxi? Kif ħassejtek wara l-mixja?



3. **Inħobb nilgħab mal-ħbieb**.

(Min huma l-ħbieb tiegħek? Meta tilgħab mal-ħbieb tiegħek? Fejn tilgħab mal-ħbieb tiegħek? Kif iġġib ruħek mal-ħbieb tiegħek? Kif tħossok meta tkun mal-ħbieb tiegħek?)



4. **Ġurnata fir-razzett tan-nannu**.

(Meta mort ir-razzett tan-nannu? Fejn qiegħed ir-razzett tan-nannu? Ma' min mort? X'rajt fir-razzett tan-nannu? X'għamilt biex tgħin lin-nannu? Kif ħassejtek wara li mort fir-razzett tan-nannu.)

5. **Ikteb l-istorja li juru l-istampi fil-paġna li jmiss.**

**Il-ħalliel tat-tiġieġa**



www.StudentBounty.com




Komponiment Numru ________

____□□□□□□__________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________



www.StudentBounty.com

www.StudentBounty.com

TMIEM



www.StudentBounty.com